Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 1756

Kaz Numru 2346 MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Ramon Zerafa

U

Kemimport Limited

Dwar tkeccija mill-impjieg
Allegata li hija ngusta

Illum 12 ta' Frar 2006

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara referta ta' kwistjoni tax-Xoghol dwar tkeccija ingusta mill-impjieg ta' Ramon Zerafa mibghuta lit-Tribunal Industrijali fil-1 ta' Frar 2006 mill-Avukat Dr. Owen Bonnici li bghat id-dikjarazzjoni ghan-nom ta' Ramon Zerafa fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Ramon Zerafa maghruf bhala l-appellant kien assistita mill-Avukat Dr. Owen Bonnici u ghall-Kumpanija Keminport Limited deher Mr. Reginald Fava assistit minn Joseph Farrugia.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem mal-kumpanija Kemimport Limited bhala storekeeper u qatt ma rcieva warnings. Fil-gurnata tal-5 ta' Jannar 2006 inqala argument ma wiehed mid-diretturi fejn l-istess direttur Pierra Fava qallu tista taqbad u titlaq issa u dak il-hin telaq immedjatament hekk kif ordnat.

Ghalhekk minhabba r-ragunijiet imsemmija fid-dikjarazzjoni it-tkeccija hija ingusta u ma saritx ghal ragunijiet skond kif titlob il-Ligi.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni tal-impjeig ta' Ramon Zerafa ma saritx mis-socjeta imma kienet wahda volontarja da parte tal-istess Ramon Zerafa li qabad u rrizenja mix-xoghol u ma rraportax ghax-xoghol l-ghada u ghalhekk ma hemmx kaz ta' tkeccija ingusta.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Pierra Fava fejn iddikjara illi Ramon Zerafa kien ilu jahdem mal-kumpanija ghall-dawn l-ahhar seba' snin u kien jahdem bhala storekeeper. Hu kien ta' ordni sabiex Ramon Zerafa jaghmel ix-xoghol ta' Elaine li kienet bis-sick u l-istess Ramon Zerafa gab xi skuza li ma riedx jaghmlu u hu kien arroganti mieghu. Inqala argument u wara li Ramon Zerafa qallu li ser jitlaq l-istess Pierre Fava qallu li tista titlaq l-barra u jekk trid tista' tmur. L-ghada Ramon Zerafa ma dahalx ghax-xoghol.

Xehed Ramon Zerafa fejn iddikjara illi hu kien jahdem fl-istore ta' fuq jew fl-istore ta' isfel bhala storekeeper. Fil-gurnata tal-incident huwa lesta x-xoghol tieghu u kien hemm xi affarijiet ohra xi jsiru u meta kellem lill-Ms Fava infurmatu li jista jaghmel dan ix-xoghol impjegat iehor li jismu Manoel. Dak il-hin cempliu is-Sur Pierra Fava u skond l-istess Ramon Zerafa beda jghajjat mieghu u tah struzzjonijiet sabiex jaghmel ix-xoghol hu. Talbu sabiex ma jaghajjatx mieghu u talbu biex jitlaq l-barra diversi drabi. Ramon Zerafa iddikjara ukoll illi kienet Ms Fava li qabditu jaghmel ix-xoghol ta' Elaine.

Xehedet Ms Maria Graziella Fava li ddikjarat illi hija wahda mid-dirigenti tal-kumpanija fejn semghet hafna ghajjat u semghet lill-Ramon Zerafa jghid lill- Pierra Fava jekk ma joghbobokx kif qed nahdem nitlaq u semghet lill-Pierra Fava jghidlu mela itlaq.

Xehed ukoll Mr. Reginald Fava li iddikjara illi huwa il-CEO tal-kumpamnija Kemimport Ltd u qal illi l-impjegati jirraportaw lilu fuq leave, sick leave u affarijiet ohrajn. Iddikjara ukoll illi hadd ma ghandu awtorita li jibghat nies jigifieri li jkecci impjegati. Kien jiehu pacenzja

hafna bi Ramon Zerafa. Kien isib affarijiet neqsien u issa li telaq ma ghadux isib affarijiet neqsien. Ramon Zerafa kien jaghmel granet tajbien u granet hziena. Kien eratiku wisq. Bhala written warnings qatt ma kien tah.

Xehed Paul Aquilina li huwa rapprezentat tal-ETC fejn ikkonferma li Ramon Zerafa kellu fuq it-termination form li irrizenja. Qal ukol illi kienu spiccaw sebgha impjegati.

Rega xehed Ramon Zerafa fejn qal illi Ms Fava ma setghtex tisma lilu u lill-Pierre Fava jillatigaw ghax id-diskors kien fuq it-telefon biss.

Xehedet Jackie Anne Portelli li hija ex-impjegata tad-ditta fejn iddikjarat illi kienet semghet xi ghajjat pero ma tiftakarx x'gara.

Xehedet ukoll Denise Formosa Gruppetta li hija rapprezentant tal-Vodaphone kif ukoll Anthony Bonnici li huwa rapprezentant ta' Go Mobile fejn it-tnejn iddikjaraw illi ma ghadhomx records tal-SMS ghalhemm jidher li intbghatu xi SMS's.

L-Avukati tal-partijiet ittrattaw il-kaz verbalment u Kemimport Ltd issotometta ukoll nota bil-miktub.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li hemm zewg versjonijiet tal-partijiet li huma distinti minn xulxien.

Xoghol il-gudikat huwa li jwiezen il-fatti, jara x-xhieda kif xehdu fuq il-pedana tax-xhieda u jipprova jasal ghall-konkluzzjoni mien qieghed jqarreb il-verita jew minn qieghed jghid il-verita.

F'dan il-kas it-Tribunal qieghed jemmen aktar i-versjoni ta' Ramon Zerafa milli ta' Pierra Fava. Mill-provi prodotti jidher bic-car illi kien hemm xi disgwiet bejn Pierra Fava li huwa wiehed mid-dirigenti u Ramon Zerafa li huwa impjegat. Jidher ukoll illi t-tnejn ghollew lehenhom u li kien hemm xi battibekki. It-Tribunal pero ma jistax ma jinnotax konflitt fil-verzjoni meta Pierra Fava qal li "Dak in-nhar fuq it-telefon bdejna nitkellmu..." waqt li Ms Maria Graziella Fava iddikjarat illi "Inzilt nigri biex nara fuq xhiex gara l-ghajjat". Jidher illi Ms Fava

riedet tikkorobora il-verzjoni ta' huwa Pierra Fava pero meta ghamlet hekk ix-xhud skreditat ruhha u ghalhekk it-Tribunal qieghed jemmen aktar lill-Ramon Zerafa ta' kif graw l-affarijiet.

It-Tribunal ihoss ukoll illi jekk hu minnu, u jemmen li huwa hekk, illi Is-Sur Reginald Fava jiddeciedi fuq l-impjegati u jekk Ramon Zerafa vermanet ried jitlaq l-istess Pierre Fava missu tah struzzjonijiet li jkellem lill-missieru ghax missieru kien il-CEO.

It-Tribunal isiba difficili ukoll li jara li wara tmien snin ta' servizz il-CEO ma jikkuntatjax lill-impjegat tieghu biex jara x'gara anki minhabba l-fatt li kien mument krucjali minhabba lis-stocktaking. Din il-kumpanija mhiex kumpanija b'mijiet ta' impjegati u l-istess CEO iddikjara illi kienu qieshom familja u ghalhekk wiehed jistenna illi sar xi kuntatt da parte tal-CEO. Jekk l-impjegat fl-opinjoni tieghi kien tkecca dan ma ghandux ghalfejn hu jaghmel kuntatt.

Jidher car ukoll din kienet xi haga ta'pika kif ukoll ta' incident izolat u ghalhekk it-Tribunal jippretendi li din is-sitwazzjoni misset solviet ruhha. It-Tribunhal jinnota ukoll illi ma kienx hemm ebda warnings bil-miktub minkejja li kien hemm xi ilmenti fuq Ramon Zerafa.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-parijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-kumpanija Kemimport Limited ma kienitx gustifikat li tkecci Ramon Zerafa mix-xoghol tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedi billi jilqa dan l-appell u jordna lis-socjeta Keminport Limited ihallas l-ammont ta' seba' mitt Lira Maltin (LM700) u lis-spejjes ghandhom jigi sopportati mis-socjeta Kemimport Limited.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Avv Martin Fenech
Chairman

Vera Kopja

Vincent Micallef - Segretarju